Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Ir-Repubblika ta' Malta

[Av Tilden Tabone]
[Spettur Nico Zarb]
[Spettur Jonathan Cassar]

vs

-Omissis-

Kumpilazzjoni Numru: 242/2025

Illum, sittax (16) ta' Gunju, 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentrici tal-karta tal-identità bin-numru -Omissis- akkuzata talli nhar is-sbatax (17) ta'

Marzu tas-sena elfejn u hamsa u ghoxrin (2025) ghall-habta ta' bejn id-disgha (21:00hrs) u l-ghaxra (22:00hrs) ta' filghaxija gewwa Triq Santa Rita u/jew Triq San George u/jew 'Shadow Club', Triq Santa Rita, San Giljan u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. **Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' f'perikolu car, ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess -Omissis-, liema offiza hija ta' natura gravi;**

2. **Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, hebbet kontra l-persuna ta' -Omissis- sabiex tingurjha, idejjaqha jew taghmel hsara lilha jew lil haddiehor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taht xi dispozizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali;**

3. Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'xi modijiet ohrajn mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, kisret volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurtà ta' -Omissis- billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u necessarju u taht dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex thaddem kontra l-hatja d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 15A, 532A u 532B tal-Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-ligi;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurtà tal-partijiet lezi;

Rat il-fedina penali tal-imputata li hija wahda netta;

Rat li fis-seduta datata dsatax (19) ta' Marzu 2025 l-akkuzata rregistrat ammissjoni filwaqt li kkonfermat tali ammissjoni fid-dsatax (19) ta' Mejju 2025 u dan wara li giet mgharrfa bil-konsegwenzi legali;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi xehdet <u>l-Ufficjal tal-Probation Joanna Farrugia</u> li pprezentat pre-sentencing report immarkat bhala Dok. JF1. Bhala rakkomandazzjoni ghall-imputata l-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet hekk:

> *"L-Ufficjal tal-Probation wiznet il-fatti tal-kaz sabiex tasal ghar-rakkomandazzjoni. Minn banda ghandna akkuzi serji, fejn saru griehi gravi fuq il-vittma, minkejja li hemm verzjoni kunflingenti ta' kif saru dawn il-griehi mill-partijiet. Mill-banda l-ohra ghandna l-imputata li ghadha zghira u ghadha qed tibda l-hajja taghha fid-dinja tax-xoghol. Minkejja li bl-ebda mod ma jrid jitnaqqas il-*

*gravita` tar-reat ma tinhassx li piena karcerarja jew sentenza sospiza jkunu ta' beneficcju f'dan l-istant. B'hekk l-ufficjal umilment qed tirrakkomanda li l-imputata tinghata Ordni ta' Servizz fil-Komunita` skont l-Artikolu 11 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. In-numru ta' sighat ser jithalla ghad-diskrezzjoni tal-Qorti, biss ghandu jkun ammont sostanzjali."*

**Ikkunsidrat**

Illi fis-seduta datata dsatax (19) ta' Marzu 2025 l-akkuzata rregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghha. Il-Qorti tqis li ghandha telenka l-artikoli tal-ligi li bihom tinsab akkuzata l-imputata u dan sabiex tissottolinea il-gravità tal-allegazzjonijiet.

Illi l-imputata -Omissis- qieghda tigi akkuzata taht l-Artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula hekk:

*"Kull min, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, jikkaguna hsara fil-gisem jew*

*fis-sahha ta' persuna ohra, jew igibilha disordni f'mohhha, ikun hati ta' offiza fuq il-persuna."*

Illi *di più* l-Artikolu 216 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jtenni hekk:

*"L-offiza fuq il-persuna hija gravi, u ghaliha tinghata l-piena ta' prigunerija minn sena sa seba' snin –*

*a. jekk tista' ggib periklu –*

*i. tal-hajja; jew*

*ii. ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem; jew*

*iii. ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem; inkella*

*iv. ta' marda permanenti tal-mohh;*

*b. jekk iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz;*

*c. jekk tkun maghmula b'ferita li tidhol f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem, minghajr ma ggib l-*

*ebda wahda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*d. jekk iggib marda tal-mohh jew tal-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella, ghal daqshekk zmien, izzomm lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu;*

*e. jekk, meta ssir fuq mara tqila, iggieghelha tehles qabel iz-zmien."*

Illi l-imputata giet akkuzata talli kisret il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'mod volontarju ai termini tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali:

*"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min -*

*dd. b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiettal-pubbliku*

Illi l-imputata qieghda tigi akkuzata ukoll talli kkommettiet kontravenzjoni ai termini tal-Artikolu 339 (1)(d) li dan l-Artikolu jistipula s-segwenti:

*"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min-*

*d. hebb kontra persuna sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici"*

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi l-ammissjoni tal-imputata giet irregistrata mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri odjerni fejn hi nghatat zmien opportun sabiex tahsibha. Il-Qorti ttenni li gialdarba l-imputata ammettiet ghall-akkuzi kif dedotti kontriha u dan wara li giet mgharrfa bil-konsegwenzi ta' tali akkuzi u bil-pieni li tali reati jgibu maghhom dan ser ikun rifless fil-piena li ser tigi inflitta lilha.

Illi a rigward dan l-ahhar punt issir referenza ghall-osservazzjonijiet li ghamlet l-Ufficjal tal-Probation ossija Joanna Farrugia li hejjiet pre-sentencing report fejn intqal hekk:

> *"Huwa importanti li l-imputata tkompli tghix hajja stabbli izda fl-istess hin tpatti ghall-ghemil taghha u titghallem mill-izbalji taghha."*

Illi dan qieghed jinghad fid-dawl ta' diversi fatturi li kkummentat fuqhom Joanna Farrugia u cioè li l-imputata ghandha fedina penali netta, kellha trobbija tajba, digà hadmet gewwa ministeru tal-Gvern kif ukoll gewwa bank lokali (tali impjieg stante dawn il-proceduri) u qatt ma kellha problemi relatati mal-vizzji tad-drogi jew tax-xorb. Qed jigi rrimarkat ukoll illi l-parte civile f'dawn il-proceduri ghandha wkoll kawza kriminali kontriha mertu ta' dan l-incident fejn allura l-imputata odjerna hija parte civile f'dik il-kawza.

Illi kwindi l-Qorti sejra ghalhekk taghmel taghha dak li gie rakkomandat mill-istess Joanna Farrugia.

**Ikkunsidrat**

Illi ghar-rigward il-piena din il-Qorti sejra tadotta piena li hija riformattiva. Din it-teorija ta' gustizzja riformattiva giet dibattuta fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Bonnici** deciza fil-25 ta' Marzu tas-sena 1975:

> *"Din il-Qorti, minghajr bl-ebda mod ma tinsa l-htigijiet tar-ripressjoni tad-delinkwenza u tad-dixxiplina, temmen fil-probation u hi tal-fehma li f' Malta, bhal pajjizi ohra, hemm bzonn ta' izjed u mhux inqas probation u tawspika … li dan is-servizz pregjevoli … jigi amplifikat b' gusta mizura specjalment ghal dawk iz-zghazagh li ma kellhomx il-vantaggi li l-ohrajn kellhom fil-hajja."*

Illi l-istess inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Zammit** deciza fl-4 ta' Frar tas-sena 1985:

> *"Kif inhu ben risaput, ghalkemm is-socjeta ` tirrikjedi xi tip ta' sodisfazzjon tar-reat li jkun wettaq l-individwu,*

*bniedem li jkun qatta' perjodu sostanzjali ta' inkarcerazzjoni mhux lakemm titfghu lura fis-socjeta` biex ifendi ghal rasu: jinhtiglu diversi mezzi ta' ghajnuna, u mhux lanqas "guidance", sabiex tigi facilitate r-reintegrazzjoni tieghu fis-socjeta` u tigi assigurata r-riabilitazzjoni tieghu; ghalhekk l-importanza ta' sistema organizzat u koordinat ta' "after care"."*

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Dean Micallef</u>** deciza fil-11 ta' Lulju 2024 fejn inghad hekk:

*"Illi din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"Din il-gurisprudenza ormai ben kristallizzata u accettata in linea ta' principju fil-gurisprudenza taghna, tghallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-kazijiet*

*fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispozizzjonijiet tal-ligi. Dan il-principju kien gie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-kaz Il-Pulizija vs. Joseph Attard moghtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:*

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.""*

*Illi jkun opportun li jigi nnutat li l-piena ma ghandhiex l-iskop ta' tpattija minn naha tas-socjeta' kontra min iwettaq ir-reat izda ghandha l-iskop li teduka u tirriforma lill-hatja ta' reati halli dawn jkunu jistghu jergghu jigu reintegrati fis-socjeta' u b'hekk ikunu ta' kontribut ghas-socjeta'. B'hekk il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-element retributtiv u l-element preventiv. F'dan ir-rigward*

*din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fl-20 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Clifford Gatt Baldacchino (Numru 243/2019) fejn dwar il-principju tal-piena din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

> *"12. [...] Dan peress li l-gustifikazzjoni tal-imposizzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jigifieri l-effett:*
>
> *(a) Retributtiv;*
> *(b) Preventiv; u*
> *(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.*
>
> *13. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*

*14. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biza' li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga' jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minhabba l-biza' li tehel il-piena, persuna tigi mgieghla tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuz.*

*15. L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali. L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita' tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza' li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma' dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'ohra jerga' jahsibha sew qabel ma jaghzel li*

*jikser il-ligi. Jekk il-kollettivita' titlef din il-biza' mill-piena minhabba li l-ligi penali tibda titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita' dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgieghel lill-kollettivita' milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita'. Altrimenti, il-kollass.*

*16. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku*

*individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita' in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa."*

…

*Illi mehud in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, din il-Qorti ma tantx ghandha aktar xi tghid ghajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena ghall-imputazzjonijiet li taghhom l-appellant instab hati. Il-Qorti zzid tghid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet wahda legalment u ragonevolment valida, mhux "manifestly excessive" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li taghhom huwa nstab hati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raguni li tista'*

*twassalha sabiex titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha maghmula, liema piena ghalhekk ghandha tibqa' invarjata."*

Illi tali ragunament ta' dawn is-sentenzi sejrin jigu applikati minn din il-Qorti fil-piena li sejra taghti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 214, 215, 216, 338 (dd) u 339 (1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata **-Omissis-** hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha stante ammissjoni u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggiha taht Ordni ta' Servizz fil-Komunità ghal sittin (60) siegha.

In oltrè, u a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi fuq l-imputata **-Omissis-** ghal Ordni ta' Trazzin a favur il-parte civile ghal zmien tliet (3) snin.

Illi l-ordnijiet kollha ghandhom jiffurmaw parti integrali ma' din is-sentenza.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**